VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,343, 14 ta' Novembru, 2014
Taqsima B

A.L. 406 tal-2014

ATT DWAR IT-TRASFERIMENT TAL-ATTIV, ID-DRITTIJIET, ID-DEBITI U L-OBBLIGI TA' ENEMALTA (KAP. 536)

Ordni tal-2014 li Jemenda l-Ordni dwar it-Tneħħija tal-Kundizzjonijiet Restrittivi fil-Kuntratti tal-Enemalta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija fl-artikolu 5(b) tal-Att dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta, il-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2014 li Jemenda l-Ordni dwar it-Tneħħija ta' Kundizzjonijiet Restrittivi fil-Kuntratti tal-Enemalta, u dan l-Ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar it-Tneħħija ta' Kundizzjonijiet Restrittivi fil-Kuntratti tal-Enemalta, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali".

L.S. 536.01

(2) Dan l-Ordni għandu jitqies li daħal fis-seħħ fis-27 ta' Awissu 2014.

Jemenda l-iSkeda li tinsab mal-Ordni prinċipali.

2. Fil-paragrafu 6 tal-Iskeda li tinsab mal-Ordni prinċipali minflok il-kliem "att numru 9" għandhom jidħlu l-kliem "att numru 10".